MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 603/2011

**Schembri Barbros Limited - C-9577**

**vs**

**Josef Grima**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas lill-istess socjeta' rikorrenti l-ammont ta' elf hames mija tlieta u sebghin Ewro u hamsin centezmu (€1,573.50c), rapprezentanti xoghol ta' hadid u xibka mibjugh u kkonsenjat lilu.

Illi l-intimat kien effettwa l-hlas relattiv permezz ta' cheque (vide Dok "A" anness) izda l-istess cheque ma giex onorat.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-10 ta' Dicembru 2009 kontra l-intimat illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija tlieta u sebghin Ewro u hamsin centezmu (€1,573.50c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------